ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 12 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 8 ta' Otturbru 3013 fis- 6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Settembru 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Settembru 2013;
5. Ghaxaq Football Club;
6. Green Wardens;
7. Shelters tal-Gwerra;
8. Live Streaming;
9. Attivitajiet tal-Milied;
10. EU Funds;
11. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 11 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**;

Is-Segretarja staqsiet jekk waqt il-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki issemmietx l-ghajnuna ghall-Live Streaming. Is-Sindku qal li waqt il-laqgha il-live streaming ma kienx diskuss.

Dwar item 3.8 Dwar it-tilqima ta' l-Influwenza. Is-Segretarju qalet li ghamlet kuntatt mas-sidien taz-zewg spizeriji u dawn it-tnejn qablu li s-servizz ser jinghata b'xejn din is-sena ukoll.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment fejn bagħatu Memo 9/2013 re:- Skema ta' Għajnuna finanzjarja għal korisjiet tal-*Lifelong Learning*.
Memo 22/2013 re :- Elezzjoni tal-AKL.
Memo 23/2013 re:- *Leap-Building The Future Together Promoting Social Mobility*. Ghal din il-laqgha ser tattendi il-Kunsillier Agius.
Mid-Dipartiment irċevejna wkoll ktieb 'l-Avvanz tal-Pellegrini' sabiex jintuża għal Librerija Pubblika.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu informazzjoni dwar *New Gas Power Plant in Delimara*.
Infurmaw ukoll dwar is-seminar SEEMORE dwar Mobilita' Sostenibbli li ħa jsir fil-15 ta' Ottubru, 2013, fil-Lukanada Corinthia San Gorg.

3. Mill-MEPA fejn infurmaw li ser issir Konferednza Agħti Sehemek, fejn għaliha attendiet is-Segretarja. Is-Segretarju qalet li waqt din il-konferenza fost affarijiet li ntqalu, l-Onor. Farrugia qal li min japplika biex fejn ikun hemm bicca art mitluqa issir parking place, il-MEPA Mhux ser issib oggezzjoni.

4a plenarja

. Mit-TM fejn infurmaw li ma jsibux oġġezzjoni dwar installazzjoni ta' *pededstrian railings* fil-Bypass hdejn il-minipitch izda mhux *crash barriers* .
Infurmaw ukoll dwar *reserved parking* ta' Ms Caruana fi Triq il-Bizzilla u ta' Ms Fenech fi Triq San Pawl li ser isir għal sena.

Dwar ir-reserved parking mitlub minn Mr. Spiteri fi Triq B'bugia ser isir għal sitt xhur.

5. Mill-Uffiċċju Elettrorali, fejn avżaw dwar l-Elezzjoni tal-AKL.

6. Mingħand ir-Reġjun Nofsinhar dwar servizzi tal-Gwardjani Lokali.
Irċevejna wkoll il-ħinijiet u r-rati li jitħallsu bihom il-*green wardens*.
Bagħatu wkoll l-Aġenda u l-Minuti tal-aħħar laqgħa.

ĦAL GĦAXAQ

7. Mill-GAL Xlokk bagħatu l-applikazzjoni u *guidelines* dwar M 413.A3 u anke *Technical Assistance* dwarha.
Bagħatu wkoll il-Minuti tal-laqgħa Nru. 37.

8. Mingħand il-Kunsill Lokali B'bugia fejn bagħatu stedina lill-Kunsill kollu għal 'Jum Birżebbuga' fid-19.10.2013.

9. Minghand St.Lucia Girls Seconadry School fejn stiednu lis-Sindku għal attivita' li ser jorganizzaw bejn it-2 u l-4 ta' Mejju 2014.

10. Mill-Care Malta Ltd. dwar *Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care*.a

11. Mingħand is-Sur Bongailas dwar kiri ta' van li qed joffri s-servizz tiegħu għal € 30 kuljum bix-xifier.

12. Mingħand Tanti and Mallia Quality Consultants Ltd., fejn infurmaw li ser isir kors ta' tlett sigħat fuq il-*food safety*.

13. Mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita', qed jħeġġu lill-Kunsilli Lokali nsabiex nappellaw għall-voluntiera.

14. Minghand is-Sur Robert Cilia tal-Edukazzjoni dwar Job Exposure Scheme – Wardija.

15. Mill-MEUSAC dwar Business Breakfast re:- The Economic Recovery : Overcoming the Crisis Together.

16. Mill-WasteServ fen infurmaw dwar il-*European Week for Waste Reduction* mis-16 sal-24 ta' Novembru, 2013.

17. Mingħand Instaline dwar reklam ta' prodotti relatati ma' *road markings*.

18. Mingħand is-Sur Caruana fejn informa li joffri servizzi sabiex jinqbadu l-ħamiem.

19. Mingħand *M'Scala Day Centre*, fejn huma interessati li jużaw il-Ġnien fit-22.10.2013 bejn 7:45 a.m. u 4:30 p.m. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Lis-Sur Borg Grech tal-MTI-MAI, dwar għajnuna lill-Kunsill sabiex isir xogħol fuq tindif ta' spralli u *culverts* kif ukoll sabiex isir użu ta' gaffa u anke trakk ħalli jiġu mnaddaf ir-Raħal.

ĦAL GĦAXAQ

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>:**

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Settembru 2013, li kienu jammontaw għal €18.22. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€18.22 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Agius.

*b.* ***Skeda ta' Ħlas Settembru 2013***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2013 u li jammontaw għal €125,623.30. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sur Fenech. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. <u>Ghaxaq Football Club</u>**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva ittra mill-Għaxaq FC Nursery, fejn tablet sabiex il-Kunsill jieħu d-devoluzzjoni ta' biċċa art li tinsab biswit l-entratura tal-ground tal-futbol biex din tintuza ghal skop rikreattiv.

Il-Kunsill qabel li jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex jara din l-art lil min tappartjeni biex wara l-Kunsill ikun jista jitlob id-Devoluzzjoni taghha

**6. <u>Green Wardens</u>**

Is-Sindku qal li se jibda juza is-servizz tal-Green Wardens specjalment f'Bir-id-Deheb fil-*weekend* minhabba li qed jintremewa hafna ta' kontenituri ta' l-ikel ma l-art b'konsegwenza li jkun hemm hafna hmieg. Il-Kunsill qabel izda sar ftehim li l-ewwel gimgha jigu avzati is-sidien tal-hwienet biex dawn javzaw in-nies li se jkun hemm ik-Green Wardens u dawn jibdew jghatu citazzjonijiet lil min jarmi fl-art.

Is-Sindku qal li qed isir abbuz ta' l-uzu ta' li skips minhabba li qed jigu nies barra mir-rahal ta' Hal Ghaxaq u jitfghu skart fihom. Qal ukoll li wasal iz-zmien li dawn li skips jitnehhew.

Il-Vici Sindku qal li jixtieq jghamel dikjarazzjoni li ma jaqbilx li jitnehhew li skips. Qal ukoll li qabel jitnehhew li skips il-Kunsill jigbor informazzjoni minghand ir-residenti jekk dawn jaqblux jew le.

Il-Kunsillier Fenech qal li ikun ahjar jekk il-kuntratt ta' li skips jiggedded sa Jannar 2015 ghalkemm dawn xorta iridu jitnehhew. Qal ukoll li l-ewwel haga trid issir laqgha mal-kuntrattur ta' li scammel minhabba li skart minn wara d-djar ma jingabarx nhar ta' Tlieta u tavza in-nies li nhar ta' Tlieta jibdew jingabru zewg boroz, dik tar-ricikolacc u dik ta' li skart domestiku

ĦAL GĦAXAQ

Il-Kunsillier Agius qalet li tista titnaqqas gurnata ohra u l-borza is-sewda ma tinharegx kuljum.

Il-Vici Sindku qal li hu ma jaqbilx ghax diga qed ikun hemm mandra hdejn li skips u jekk dawn jitnehhew in-nies jibqghu jitfghu fejn kien hemm skip qabel.

Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill ghandu jghamel il-Cameras fejn jitfghu li skart minhabba li hdejn li skips ikun hemm mizbla.

Is-Sur Vassallo qal li l-ahjar l-ewwel isiru l-Cameras fejn hemm l-abbuz u mhux jitnehhew mill-ewwel. Qal l-ahjar tinharegv Expression of Interest biex isiru dawn il-Cameras. Qal ukoll li l-ahjar li skips jigu estendi ghal xaharejn ohra u jinzammu nofshom ghall-ewwel. Qal ukoll li s-Sindku kien qal li se jkellem li xi hadd biex jghamel demonstration tal-*wireless cameras*.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar tintbaghat ittra lin-nies u tavzhom x'se jsir .

Il-Kunsillier Agius issuggeriet li il-gbir tal-borza sewda jsir nhar ta' Tnejn Erbgha, Gimgha u Sibt u nhar ta' Tlieta tibqa tingabar il-borza tar-riciklacc.

Is-Sindku staqsa jekk hux ahjar jekk il-kuntratt ta li skiups jighiex estiz sa' l-ahhar ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel.

Il-Vici Sibdku qal li l-ahjar nohorgu kwotazzjoni ghal-*Cameras.* Il-Kunsill qabel.

## 7. <u>Shelters tal-Gwerra</u>

Is-Sindku qal li bhal irhula ohra jixtieq li l-Kunsill jiehu devoluzzjoni tax-Shelters tal-Gwerra li jinsabu fir-rahal biex dawn jitrangaw.

Il-Viciu Sindku qal I hu kien fetah xi shelters u ma kienux addatati biex jitrangaw. Qal ujkill li l-ahjar wiehed hu dak li jinsab fejn il-kappella ta' San Filippu.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar il-Kunsill jara liema wiehed hu tajjeb biex jitranga u wara tintalab id-devoluzzjoni tieghu.  Il-Kunsill qabel.

8. **Live Streaming**

Is-Sindku qal li d-Dipartiment fli skema l hareg talab li l-apparat ghal Live Streaming irid isir fi zmien 3 xhur ghaldaqstant il-Kunsill irid johrog sejha ghal kwotazzjoni ghal dan l-apparat.  Il-kunsill qabel.



9. **Attivitajiet tal-Milied**

Dan l-item jigi diskuss fil-laqgha li jmiss izda il-Kunsill qabel li tohrog sejha ghat-tizjin tat-toroq biex dan ma jdumx ma jsir fi zmien il-Milied.

10. **EU Funds**

Ghal din il-parti tal-Laqgha attenda il-kappillan tar-rahal, Dun Mario Said fejn qal li ghamel laqgha mas-Sur Paul Mifsud id-Dipartiment fejn jghinu biex jghatu fondi biex jintuzaw ghal diversi progetti.

Dun Mario qal li hu talab ghajnuna biex isir restawr tal-knisja minhabba li l-galletta (qoxra ta' barra) qed titqaxxar u jekk ma titrangax issir hafna hsara. Kompla jghid li l-parrocca ma tiflahx ghal dawn li spejjez u ghaldaqstant qed jitlob l-Kunsill biex japplika ghal fondi biex jghamel renovazzjoni ta' l-akwata u jinkludi l-Knisja.

Ghal dan il-ghan il-Kunsill irid jghamel applikazzjoni fejn jindika fejn l-aktar ikun hem mil-bzonn li jintuzaw il-fondi b'mod gust. Biex issir l-applikazzjoni l-ahjar ikun hemm kollox lest rigward permessi etc.

Dwar dan il-Kunsill qabel li flimkien mal-Kappillan jghamel laqgha mas-Sur Paul Mifsud biex l-Kunsill ikun jaf aktar kif ghandu japplika.  Il-Kunsill qabel.

11. **Suggerimenti mill-Kunsilliera**

1. Il-Vici Sindku qal li hemm floodlight fil-pjazza mhux qed tixghel u bandla fuq Santu Rokku hemm bzonn li tinbidel il-katina.  Is-Sindku qal li se jiehu

hsieb. Qal ukoll li deher artiklu fit-Times of Malta dwar s-sigar taz-zebbug li mietu. Dawn is-sigar kienu hdejn il-kappella ta' Santa Lucija.
Il-Vici Sindku qal li xtaq jigbed l-attenzjoni li hu kien hallas it-taxxa fuq hlas li kien inghata lilu izda meta hu rritorna il-hlas, it-taxxa ma inghatatlux lura ghaldaqstant talab li l-hlas li jmissu jiehu f'Dicembru ma tnqatalux taxxa biex tghamel tajjeb it-taxxa li kien hallas qabel. Is-Segretarju qalet li se tiehu hsieb lid an isir.

2. Is-Sindku qal li hemm bzonn li gurnata fil-gimgha l-Kunsill ma jigborx hlasijiet minhabba li certu xoghol ta' l-ufficcju ma jintlahaqx jsir. Qal ukoll li se jipprova jgib persuna minn ta' li Skema tad-Dizabilita ta' l-ETC biex mjiehu hsieb il-hlasijiet biss.

3. Is-Sinjura Schembri qalet li hemm zewg postijiet fejn hemm il-htiega li jsiru l-linji fin-nofs tat-triq, dawn huma Triq il-Belt Valletta u fejn il-mahzen ta' Santa Marija Triq il-Hatem c/w Triq il-Qattus. Il-Kunsill qabel.



4. Il-Kunsillier Schembri qalet li bhalissa ghaddejin sitt korsijiet u minhabba li hi qed tattendi lectures mhux qed issib hin biex tigi tiftah l-ufficcju tal-Kunsill biex isiru dawn il-korsijiet. Ghaldaqstant qed titlob biex tkun taf jekk il-Kunsill isibx oggezzjoni li tigi tiftah il-Kunsill persuna li qeda fis-sotto-kumitat ta' l-edukazzjoni.
Is-Sindku qal li ma jsib ebda oggezzjoni. Il-Kunsillier Agius qalet li tahseb li hadd ma jista jkollu caetta tal-bieb tal-Kunsill jekk ma jkunx membru tal-Kunsill u talbet lis-Segretarju biex jiccekkja mad-Dipartiment ghall-Kunsilli jekk da jistax isir. Il-Kunsill qabel.

5. Il-Kunsillier Schembri qalet li flimkien mas-Sinjura Agius se jorganizzaw harga kulturali ghal Bird Park fl'20 ta' Novembru 2013. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li se jkun imsiefer bejn it-22 u 26 ta' Ottubru 2013 u talab lil-Vici Sindku biex jiehu hsieb hu fin-nuqqas tas-Sindku. Il-Vici Sindku accetta.

7. Is-Sinjura Schembri qalet li sabet sponsors ghal launching tal-Walking Club minghand il-BETA Pharmacy kif ukoll mill-Health Promotion Unit

8. Is-Sinjura Schembri kompliet tghid li hi u s-Sindku ghandhom intervista fuq ir-radju fit-2 ta' Novembru 2013 dwar ix-xoghol tal-Kunsill Lokali.

9. Is-Sinjura Agius qalet li staqsiet lis-Sinjura Severin dwar il-kiri tad-dar taghha u din ta' l-ahhar wiegbet li se titlob 5000 euro fix-xahar bhala kera. Il-Kunsill qabel li din kienet gholja wisq.

10. Il-Vici Sindku qal li jehtieg li l-Perit tal-Kunsill jaqsam il-kontijiet tat-toroq f'dawk il-partijiet li jridu jithallsu mill-Gvern u dawk mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

11. Is-Segretarju fakkret lis-Sindku biex jara xi jrid ibiddel fil-kuntratti halli sejhiet ghal dawn il-kuntratti jigu ppublikati.

12. Is-Sindku qal li rcieva kwotazzjoni minghand is-Sur Vince Caruana ta' 401.20 inc. VAT biex isir iz-zbir tas-sigar fil-Housing Estate. Il-Kunsill qabel li dan iz-zbir isir.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2013 fis-6.30pm

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**